# Debiti Diretti – Mezz konvenjenti biex tħallas il-kontijiet tiegħek

Awturi: Kirsten Ellul u Brenda Galea – Regulation and Oversight Office, fi ħdan il-Payments and Banking Department, Bank Ċentrali ta' Malta



Sa mill-introduzzjoni tar-Regolament dwar iż-Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro (SEPA) fl-2012, iċ-ċittadini Maltin, bħall-konsumaturi Ewropej, m'għandhomx bżonn jużaw il-flus kontanti biex iħallsu u dan għaliex il-pagamenti jistgħu jsiru kemm bi trasferimenti ta' kreditu kif ukoll b'debiti diretti.

Id-differenza bejn it-tnejn hija li filwaqt li bi trasferiment ta' kreditu, min iħallas jista' jagħmel pagament biex jittrasferixxi flus mill-kont bankarju tal-individwu stess għall-kont bankarju tal-bejjiegħ, debitu dirett jaħdem bil-kontra. F'dan il-każ, min iħallas jiffirma ftehim (imsejjaħ "mandat") biex jagħti l-permess lil min għandu jħallas sabiex il-bejjiegħ ikun jista' jiġbed il-flus mill-kont bankarju tax-xerrej skont meta jkun dovut il-ħlas partikolari.

Filwaqt li bosta konsumaturi jagħżlu li jirrikorru għal trasferimenti ta' kreditu biex jagħmlu pagamenti, l-użu tad-debiti diretti huwa pjuttost baxx minkejja l-benefiċċji tiegħu. Fil-fatt, filwaqt li l-volum tat-trasferimenti tal-kreditu pproċessati mill-istituzzjonijiet lokali għall-2021 kien jammonta għal 18.3 miljun, l-għadd tad-debiti diretti kien jammonta biss għal 1.9 miljun.

Id-debiti diretti huma ideali għal pagamenti rikorrenti, abbonamenti ta' servizzi u għall-pagamenti ta' kontijiet. Barra minn hekk, jippermettu wkoll li min iħallas, jiġifieri x-xerrej, jevita li jkollu jħallas multi għal ħlas mhux fil-ħin. Dan għaliex hija r-responsabbiltà tal-bejjiegħ li jibda l-proċess biex jiġbor il-pagament.

Huwa fatt li jista' jkun li hemm l-idea żbaljata li b'debitu dirett, il-bejjiegħ jista' jiġbor aktar flus milli suppost. Madankollu, dan mhux minnu għax ir-regolament jipprovdi miżuri li jipprevjenu dan milli jseħħ. Barra minn hekk, jipprovdi drittijiet oħra lix-xerrej, u kif ukoll obbligi kemm fuq il-bejjiegħ kif ukoll fuq il-banek rispettivi.

### Id-drittijiet tal-konsumatur u l-obbligi tal-bejjiegħ

- Il-bejjiegħ huwa obbligat li jinforma lill-konsumatur dwar l-ammont u d-data meta l-pagament hu dovut. Din l-informazzjoni għandha tingħata mill-inqas erbatax-il jum qabel ma l-ammont tal-pagament jiġi mnaqqas mill-kont bankarju ta' min qed iħallas. Jekk ikun hemm xi tibdil fl-ammont, fid-data jew fil-frekwenza tal-pagament, dawn il-bidliet għandhom jiġu kkomunikati lill-konsumatur minn qabel.
- L-aktar dritt importanti li għandu min iħallas huwa d-dritt ta' rikors ta' tmien ġimgħat. Dan ifisser li jekk għal xi raġuni valida, min qiegħed iħallas jitlob rifużjoni għal pagament li jsir permezz ta' tranżazzjoni ta' debitu dirett, tista' ssir talba għal rifużjoni mill-bank fejn jinżamm il-kont. F'dan il-każ, il-bank għandu jagħmel rifużjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mingħajr mistoqsijiet.
- Barra minn hekk, jekk il-pagatur joġġezzjona malbank fejn jinżamm il-kont, għal pagament li jitqies mhux awtorizzat jew esegwit ħażin, id-dritt għal rikors jiżdied għal tlettax-il xahar.
- Wieħed għandu d-dritt ukoll li jikkanċella jew jibdel il-permess li jkun ta lill-bank ta' debitu dirett fi kwalunkwe ħin u bla ħlas qabel ma jkun se jsir il-pagament. Ladarba l-bejjiegħ ikun ġie infurmat bit-tali kanċellazzjoni, il-pagamenti ma jistgħux jibqgħu jinġabru.
- Fl-aħħar nett, jekk għal kwalunkwe raġuni x-xerrej jemmen li jkun hemm ksur tad-drittijiet, skont l-Iskema ta' Debiti Diretti bis-SEPA, ix-xerrej għandu d-dritt li jressaq ilment mal-bank rispettiv u/jew mal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji.

Aktar tagħrif dwar l-Iskema ta' Debiti Diretti bis-SEPA jista' jintalab mill-Bank Ċentrali ta' Malta bl-email fuq regulation@centralbankmalta.org.